MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 2118/2000/1

**Air Malta, p.l.c.**

**vs**

**Zaffarese Visual & Display Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 29 ta' Settembru 2000 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici hallset lill-konvenut s-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltija (Lm4,400) ghal fornitura ta' mitejn (200) "light boxes" li baqghet ma gietx supplita lis-socjeta` attrici.

Illi *nonostante* li giet interpellata anke ufficjalment l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta 'l ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi skont it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) ammont imhallas mis-socjeta` konvenuta ghall-fornitura ta' 200 *light boxes* lis-socjeta` konvenuta baqghet ma pprovdietx.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2000, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Zaffarese Visual & Display Ltd datata 15 ta' Novembru 2000 (fol 15) fejn esponiet: -

1. Illi preliminarjament, il-premessi kontemplati fic-citazzjoni odjerna ma jaghmlux sens u dan *stante* l-fatt li s-socjeta` attrici qatt ma fornit "200 lightboxes" lis-socjeta` konvenuta, izda r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda purament f'appalt fejn is-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta tbieghilha u tfornieha b'numru ta' 'light boxes'.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta tissolleva l-intempestivita' tal-kawza odjerna *stante* l-fatt li mill-kommunikazzjoni bejn il-partijiet, ma jirrizultax li l-inkarigu tas-socjeta` konvenuta qatt kien irrevokat mis-socjeta` attrici.

3. Illi *di piu'*, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta kienet u ghadha disposta tkompli bl-

inkarigu li inghatalha, tant li anki sahhansitra ikkommettiet lil terzi in konnessjoni mal-imsemmi inkarigu, izda minhabba nuqqas fundamentali da parti tas-socjeta` attrici, tali inkarigu ma jistax ikun konkluz.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**Kontro Talba** tas-socjeta` Zaffarese Visual & Display Ltd datata 15 ta’ Novembru 2000 (fol 17) fejn esponiet: -

Illi l-eccipjent jrid jipprevalixxi ruhu minn din in-nota tal-eccezzjonijiet u jipprezenta kontro-talba. Min jircievi din il-kontro-talba kontra tieghu ghandu jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika. Jekk ma jipprezentax in-nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub kif trid l-ligi sa zmien imsemmi, il-qorti, tghaddi biex taghti d-decizjoni skont l-ligi.

U hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Illi s-socjeta` konvenuta Zaffarese Visual & Display Ltd kienet moghtija inkarigu b'appalt mis-socjeta` attrici, Air Malta plc sabiex tissupplixxi numru ta' ‘light boxes' ghall-uzu tal-imsemmija socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` konvenuta kienet ikkommettiet ruhha ma' terzi anki finanzjarjament, sabiex tkun tista' tissupplixxi l-‘light boxes' li taghhom kienet inghatat l-inkarigu.

Illi sabiex seta' jkun esegwit l-inkarigu, is-socjeta` attrici kellha l-obbligu li tipprovdi d-dizinn relattiv ghal fuq l-‘light boxes' elettronikament lis-socjeta` konvenuta, izda fil-fatt naqset f’tali obbligu.

Illi s-socjeta` konvenuta temmen li soffriet danni u tilfet finanzjarjament minhabba nuqqas serju da parti tas-socjeta` attrici.

Ghaldqstant, tghid is-socjeta` attrici ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta soffriet finanzjarjament minhabba nuqqas serju da parti tas-socjeta` attrici tant li l-inkarigu odjern ma setax ikun esegwiet.

2. Tillikwida l-ammont hekk soffert mis-socjeta` konvenuta.

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta` attrici li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-Kontro-Talba tas-socjeta` konvenuta datata 27 ta' Novembru 2000 (fol 21) fejn esponiet: -

Illi t-talba tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti hi assolutament bla bazi kemm fattwalment kif ukoll legalment u konsegwentement ghandha tigi michuda.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Marzu 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 15 ta' Marzu 2013.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tal-31 ta' Jannar 2013 u dak tat-13 ta' Gunju 2013 fejn fl-ahhar seduta l-partijiet qablu li l-

kawza tibqa’ ghas-sentenza in difett t’ostakolu. Dr. Joseph Camilleri talab korrezzjoni fl-ewwel sentenza tan-nota a fol 118 tal-process fis-sens li ghandu jidhol il-kliem “tas-socjeta` attrici” flok “responsiva tal-Awtorita` konvenuta”. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghat-3 ta’ Ottubru 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Zaffarese Visual & Display Limited datata 26 ta’ Lulju 2013 a fol 137 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2013 fejn b’ ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Jannar 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta flimkien ma' kawza ohra b'surroga datata s-16 ta' Jannar 2013.

Illi l-kaz odjern jikkoncerna talba ghall-rifuzjoni ta' somma gia Lm4,400, bilanc ta' somma akbar li thallset lis-socjeta` konvenuta ghall-fornitura ta' *light boxes* li l-istess socjeta` konvenuta kellha tforni wara li giet moghtija *tender* mill-*Air Malta p.l.c.*

Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, irribattiet li l-inkarigu taghha ma kienx intemm u ghalhekk din l-azzjoni hija intempestiva. Inoltre ipprezentat Kontro-Talba ghad-danni li tghid li inkorriet fihom minhabba li s-socjeta` attrici kellha tipprovdi hi d-disinn ghall-materja in kwistjoni izda naqqset minn dan l-obbligu. Din it-talba giet ikkontestata mis-socjeta` attrici fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Il-Qorti tinnota li l-fatt tal-hlas tas-somma reklamata fic-citazzjoni kif ukoll in-nuqqas ta' konsenja ta' l-ordni mertu ta' din il-kawza mhumiex in kontestazzjoni. Il-qofol tal-

kawza jinsab fl-attribuzzjoni tal-kagun ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt li s-socjeta` attrici tattribwixxi lis-socjeta` konvenuta, filwaqt li din tal-ahhar tghid li kienet is-socjeta` attrici li ghall-bidu waqfet l-ordni u sussegwentement naqqset li tipprovdi l-*artwork* f'waqtu u kif suppost.

**Provi Prodotti**

Xehed **John Saliba**[1] ghas-socjeta` attrici u qal li l-*Air Malta* kienet iggudikat ordni ghall-provvista ta' 200 *light boxes* lis-socjeta` konvenuta **(DOK JS1)**. Din ma kenitx l-ewwel darba li l-*Air Malta* ikkoncediet ordni simili lis-socjeta` konvenuta u infurmawha li l-*artwork* kellu jkun l-istess bhall-ordni ta ' qabel.

F'Jannar 1999 Benny Zaffarese nforma lil Edwin Caruana ghall-*Air Malta* li l-ordni kienet lesta u talab il-hlas peress li *l-light boxes* jingiebu minn barra. Difatti hallsuh Lm4,400 li kien il-prezz shih tal-ordni. Il-konsenja baqghet ma saritx.

Billi s-socjeta` konvenuta allegat li l-*artwork* ma giex mghoddi lilha hu informa lil Zaffarese biex jigbor *diskette* bl-*artwork* minghand l-ufficcju inkarigat mill-Air Malta u dan id-diskette ingabar mis-socjeta` konvenuta.

Sa Marzu 2000 l-ordni baqghat me gietx ikkonsenjata u rega' kiteb lis-socjeta` konvenuta fis-7 ta' Marzu 2000 **(DOK JS5)** li wegbitu li l-ordni kellha tkun ikkonsenjata sat-tielet gimgha ta' April 2000(**DOK JS6).**

Meta l-konsenja regghet ma saritx ta struzzjonijiet lill-Avukat tal-kumpanija biex jipprocedi kontra s-socjeta` konvenuta.

Rcieva korrispondenza (datata 29 ta' Mejju 2000)[2] mis-socjeta` konvenuta li kienet tghid li s-socjeta` estera li kienet qed timmanifattura l-*light boxes* kellha diffikulta

---

[1] Affidavit a fol. 28 et.seq. tal-process.
[2] **DOK JS8**

minhabba nuqqas ta' *artwork,* li, skont l-istess socjeta` konvenuta, kien gie mghoddi lilha f'Settembru 1999. Hu wiegeb fit-3 ta' Gunju 2000[3] u fid-9 ta' Gunju 2000 l-*Air Malta* ikkancellat l-appalt.[4]

Xehed ukoll **Edwin Caruana**[5] ghas-socjeta` attrici u qal li kien ghadda l-*artwork* darbtejn lis-socjeta` konvenuta. Il-manufattura tal-prodott issir abbazi tal-*artwork.* L-*artwork* kien diga` ppreparat peress li kienu taw lill-kumpanija konvenuta ordni simili. Ikkonferma li hallsu l-prezz tax-xoghol fuq talba tal-konvenuta li kellu bzonn il-flus biex idahhal l-ordni minn barra. L-ordni ma kenitx ikkonsenjata.

Xehed **Benjamin sive Benny Zaffarese**[6] u qal li fi Frar tas-sena 1998 l-Air Malta ordnat 200 *light boxes* mill-kumpanija tieghu u biex jigi esegwit l-ordni kien jenhtieg l-*artwork* u l-approvazzjoni tieghu. Edwin Caruana, li kien l-assistent ta' John Saliba, kien qallu li John Saliba ried izomm l-ordni peress li ma kellhomx post fejn jistorjaw il-*light boxes.* Alfred Saliba *purchasing manager* mas-socjeta` attrici kien ukoll qallu li ma kellhomx bzonn il-*light boxes* ghalissa. Tkellem ma John Saliba li qallu li ma kellhomx bzonn l-ammont kollu ta' *light boxes.* Ix-xhud gharrfu li kien diga` kommess ma' barra u li kienu ghollew il-prezzijiet ghax kien ghadda z-zmien minn meta saret l-ordni l-ewwel darba.

Qal li mill-ewwel tas-sena (1999) il-kumpanija estera kienet tathom prezzijiet godda u talab li jithallas tax-xoghol precedenti li kien ghamel kif ukoll ghal depozitu fuq il-*light boxes*. Qal lil Edward Caruana biex jghaddilu l-*artwork.* Skont ix-xhud Caruana kien qallu biex jitkellem mal-agenzija taghhom *Ritescan* izda kienu mhabbtin. Wasal Ottubru biex ha l-artwork. Baghat l-*artwork* li kienu ghaddewlu fuq disks lill-manufattur esteru izda dan qallu li ma kienx tajjeb biex jahdmuh. Tkellem mal-*assistent* ta' John Saliba u anke kiteb li l-*artwork* kellu jigi rrangat izda dan ma wasal qatt.

---

[3] **DOK JS9**

[4] **DOK JS10.**

[5] Seduta tat-12 ta' Marzu 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

[6] Affidavit a fol. 59 et seq. tal-process.

Weghedhom li jekk jghaddulu l-*artwork* fil-*format* il-gdid fi zmien qasir, ix-xoghol kien ikun lest sal-ahhar ta' April 2000 u anke hallas nofs il-flus lill-kumpanija estera.

Hu qal li l-ordni li ghamel kienet u ghadha pendenti u li ma kienx hu kagun tad-dewmien.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT</u>**

Jirrizulta li filwaqt li s-socjeta` attrici qed issejjes l-azzjoni taghha fuq ftehim ta' bejgh, is-socjeta` konvenuta qed tinkwadra il-ftehim bhala wiehed ta' appalt.

Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz "***International Tentage Textiles Industries Limited v Andreas Gerdes***" -*(dec. fit-22 ta' Gunju 2005) "Hu taghlim siewi u antik li 'la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita' assunta dai contraenti, ma dalla sostanza dello stesso e dallo scopo che ne fanno riferenza se ve ne sono."*[7]

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz "***Anthoy Marcel Pace Asciaq nomine v Joseph Camilleri et."*** - *(*dec.fit-28 ta' Jannar 2004) " *Huwa pacifiku li l-kuntratt ta' opra jiddifferenzja ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza fl-ewwel ta' l-obbligazzjoni "di facere"* fuq dik "*di dare"*. *Jigifieri l-element karatterizzant ta' l-ewwel hi l-attivita' adoperata biex issir xi haga mentri fil-kopravendita hu l-oggett innifsu.*"[8]

Ikkonsidrat li fit-12 ta' Frar 1988 il-kontendenti qablu li s-socjeta` konvenuta Kellha tforni 200 *light boxes* lill-Air Malta p.l.c. (**DOK JS1**). F'dan il-ftehim, il-prevalenza inghatat lill-konsenja ta' kwantita stabbilita ta' oggetti li jikkonformaw ghal mudell stabbilit minghajr ma inghata l-ebda prevalenza ghal xi *prestazione* ta' *mano d'opera da*

---

[7] Il-Qorti ccitat mis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-kummerc tat-2 ta' Jannar 1890 fil-kaz "**Negte Stelliano Zicalaki -v-Cmte Gio Batta Galea."**

[8] Ccitat minn **Philip Sciberras :** "*L-Alfabet tal-Kodici Civili " Vol. A, pp 279.*

parti tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti hi tal-fehma li l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta kienet pjuttost *di dare* milli *di fare.*

Applikati dawn il-principji, il-Qorti tikkonsidra li r-relazzjoni guridika li nholqot bejn il-kontendenti kienet wahda ta' bejgh.

Is-socjeta` attrici tistrieh fuq **l-artikolu 1385** tal-kap.16 li jghid hekk:

**1385.** *"Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss."*

Il-kunsinna tal-hwejjeg mixtrija huwa wiehed miz-zewg obbligi li l-ligi tqieghed fuq il-bejjiegh (**art. 1378**); Minbarra dan, il-bejjiegh huwa obbligat li jikkonsenja l-haga fil-kwantita' kollha miftehma (**art. 1399**);

Dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jinqraw flimkien u minnhom wiehed jifhem li d-dmir tal-kunsinna fuq il-bejjiegh ma jitqiesx imwettaq jekk il-kunsinna ma ssirx b'mod shih, kif imfisser hawn fuq, sakemm ma jkunx hemm patti bejn il-partijiet li jfissru kunsinna f'partijiet jew b'mod iehor, liema arrangamenti ma sehhewx f'dan il-kaz;

L-ghazliet miftuha bil-ligi lix-xerrej f'kaz ta' nuqqas ta' kunsinna fiz-zmien miftiehem, huma jew li jitlob il-hall tal-kuntratt tal-bejgh, jew li jitlob li jitqieghed fil-pussess tal-haga mixtrija (**art. 1385** fuq citat).

Fil-kaz prezenti, l-attur qieghed jaghmel l-ewwel ghazla u jitlob li jintradd lura lilu l-prezz tal-bejgh, kif imfisser fl-**artikolu 1404 tal-Kodici Civili;**

Kkonsidrat li anke li kieku r-rabta kontrattwali bejn il-kontendenti kellha tkun wahda ta' appalt, xorta jibqa' r-rimedju lill-min joffri x-xoghol li jinhall mill-kuntratt minghajr ebda obbligu li jaghti raguni ghal din id-decizjoni. (**Art**

**1640 Kap.16)** u dan anke wara li x-xoghol ikun inbeda. Id-distinzjoni li taghmel il-Ligi hija dwar jekk min jaghti x-xoghol kellux ragun valida biex iholl il-kuntratt u dan *ai fini* tal-kumpens li jista' jinghata lill-appaltatur. Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

## L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA

Ikkonsidrat li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta giet sorvolata bil-korrezzjonijiet li sehhew fl-att tac-citazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 175 tal-Kap. 12.**

Rigward it-tieni eccezzjoni ta' l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna, jirrizulta mill-provi li l-ordni kienet giet itterminata mis-socjeta` attrici definittivament permezz ta' korrispondenza datata nhar id-9 ta' Gunju 2000[9]. Il-konvenut ma gab l-ebda prova kontra l-kontenut ta' din l-ittra u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fid-dawl tal-provi prodotti, l-Qorti tqies li s-socjeta` attrici issostanzjat it-talbiet taghha sal-grad ta' prova rikjest mill-Ligi. Fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li, ladarba l-attur hallas il-prezz miftiehem, ma kienx hemm raguni valida ghaliex is-socjeta` konvenuta ma ghadditx il-kunsinna tal-oggetti ordnati.

Mill-provi jirrizulta li kien hemm diversi korrispondenza bejn il-kontendenti li permezz ta' l-istess is-socjeta` konvenuta weghdet li kienet ser tikkonsenja l-oggetti ordnati f'terminu li hi stess stabbiliet fl-ittri taghha. Madanakollu l-istess socjeta` konvenuta ma zammetx mat-termini minnha stabbiliti.

---

[9] **DOK.JS10** *a fol.* 43 tal-process.

F'ittra tal-10 ta' Marzu 2000 (**DOK JS6)**, Benny Zaffarese informa lis-socjeta` attrici li kellu jinnegozja prezz gdid mas-socjeta` estera u dan minhabba dewmien ikkagunat minn waqfien tal-ordni fl-ewwel sena mill-ghotja tat-*tender.* Madanakollu jghid li "*in September 1999 you gave me the artwork and we proceed with the order."*

Ta' min jghid li meta xehed fl-affidavit tieghu, Zaffarese qal li gie kkonsenjat *l-artwork* f'Ottubru 1999, liema asserzjoni hija kontradetta ampjament mill-ittra imsemmija **(DOK JS6)** u mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-*Air Malta.* Fl-ittra imsemmija tal-10 ta' Marzu 2000, Zaffarese jissokta jghid li "*the order would be ready for delivery from abroad by third week of April 2000."*

Din l-estensjoni giet accettata mis-socjeta` attrici (**DOK JS7)** u ma tirrizulta l-ebda prova li bejn din l-estensjoni u l-kancellament effettiv ta' l-ordni li kienet saret xi modifika ohra fil-ftehim bejn il-kontendenti jew li s-socjeta' attrici kellha sehem determinanti fin-nuqqas tas-socjeta konvenuta li twettaq il-konsenja fiz-zmien miftihem.

F'dan l-istadju s-socjeta` konvenuta tghid li rceviet komunikazzjoni mis-socjeta` estera fis-sens li l-*artwork* li kien gie mghoddi lilha ma kienx tal-*format* li setghu jahdmu fuqu. Izda din id-diffikulta` ma tirrizultax ipprovata sal-grad rikjest mil-ligi. Madanakollu anke li kieku din il-Qorti kellha taccetta l-valur probattiv tal-*fax* f'dan is-sens esebit a fol. 40, din hija datata s-7 ta' April 2000 mentri l-konvenut dam sad-29 ta' Mejju 2000 biex jaghmel talba ghall-*artwork* f'format appozitu, u cioe`, ferm wara d-data li kienet giet miftehma ghall-konsenja.

Ikkonsidrat li t-tezi attrici giet ikkonfermata mir-rapprezentanti taghha John Saliba u Edwin Caruana u kkoroborata mill-korrispondenza esebita . Jirrizulta wkoll li l-*artwork* kien gja gie fornit lis-socjeta` konvenuta fuq ordni precedenti u ghalhekk l-insistenza tal-konvenut ghall-*artwork* fic-cirkostanzi mhiex attendibbli.

Lanqas jirrizulta ppruvat li kien hemm xi dewmien da parti tas-socjeta` attrici dovut ghal xi nuqqas ta' spazju fejn

tahzen *il-light boxes.* Il-Qorti tinnota li Edwin Caruana, li skont il-konvenut kien qallu b'dan, kif ukoll qallu biex jigbor l-*artwork* minn agenzija tas-socjeta` attrici, lanqas gie prodott in kontro ezami biex iwiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet. Lanqas ma gie prodott John Saliba in kontro-ezami. In *ogni caso* din il-lanjanza ma kenietx materjali ghad-dewmien in kwantu l-partijiet qablu mill-gdid fuq estensjoni taz-zmien tal-konsenja sat-tielet gimgha ta' April 2000.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici fis-sens li gie ampjament ippruvat li d-dewmien gie kkagunat mill-bejjiegh minghajr raguni valida.

## KONTRO TALBA

Permezz tal-kontro talba taghha, is-socjeta` konvenuta qed tirreklama d-danni li tghid li gew ikkagunati minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici li ma wettqitx l-obbligu taghha li tipprovdi d-disinn relattiv ghal fuq il-*light boxes* elettronikament.

Illi ma hemm l-ebda dubju li fil-kamp civili jghodd il-principju bazilari li min jallega jrid jipprova u dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi nkluzi dawk ta' **"Stephen Busuttil Naudi vs Carmelo Pirotta et"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002); **"Alfred Briffa vs Emmanuel Borg et"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) u **"Lawrence Pisani et vs Giovanna Dimech et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002).

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti ikkonstatat li ma jirrizultax ippruvat li n-nuqqas ta' konsenja tal-*artwork* kien il-kagun determinanti tad-dewmien fil-konsenja tal-oggetti mibjugha. Anzi jirrizulta mill-provi li t-tender moghti kien *repeat order* u li s-socjeta` konvenuta inghatat istruzzjonijiet ghal darba darbtejn biex tuza d-disinn tax-xoghol li kienet hadmet in precedenza. Kien biss wara l-iskadenza tat-terminu estiz li s-socjeta` konvenuta harget b'rikjesta ta' disinn f'format iehor mentri kienet ilha

tittrattjeni minn Settembru 1999 biex tikkonsenja l-oggetti pattwiti.

Ikkonsidrat dan kollu, jonqos l-element tal-*fatt illecitu* ghas-success tat-talbiet kontravenzjonali li, minhabba f'hekk ma jistghux jirnexxu.

Izda anke li kieku is-socjeta` konvenuta ippruvat tali element, l-azzjoni kontravenzjonali taghha xorta ma' tistax tirnexxi. L-atti processwali huma ghal kollox imsajmin mill-icken prova dwar danni subiti u dwar in-ness ta' kawzalita' li setgha kien hemm bejn l-allegati danni u l-agir tas-socjeta` attrici.

Illi l-Qorti ghaldaqstant issib li, mehuda b'qies id-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq imsemmija mqabblin mal-fatti tal-kaz, ghandha tilqa' t-talbiet attrici bhala fondati fil-fatt u fid-dritt u tirrespingi it-talbiet kontravenzjonali ghall-istess raguni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta **tilqa'** t-talbiet attrici fis-sens li :

**2) Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef, mitejn u disgha u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€10,249.24) ammont imhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghall-fornitura ta' 200 *light boxes* li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprovdietx, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2000 sal-pagament effettiv.

Tiddisponi mit-**talbiet rikonvenzjonali** billi tichad it-talbiet tas-socjeta` konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u tilqa' l-eccezzjonijiet rikonvenzjonali tas-socjeta` attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------